MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1756/2000/1

**C. P. E. S. Company Limited**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur Generali tal-Kuntratti**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 25 ta’ Awwissu 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet:-

Illi l-konvenut, il-Kummissarju tal-Pulizija ghamel sejha pubblika li kellha taghlaq fis-17 ta' Settembru 1999 ghax-xiri ta' "Speed Monitoring Devices".

Illi fis-sejha ghal offerti numru 21/99, is-socjeta` attrici kienet ghamlet l-offerti taghha, fejn inghataw prezzijiet tajba u kif ukoll gew rispettati r-rekwiziti kollha ghas-sejha tax-xiri tal-imsemmija "Speed Monitoring Devices" hekk kif talab il-konvenut, il-Kummissarju tal-Puluzija.

Illi minkejja dan kollu fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern numru sittax-il elf u disa' mija u dsatax (16,919) datata 10 ta' Marzu 2000, inghad iIli l-offerta ghal "Speed Monitoring Devices" tas-sejha 21/99 inghatat lis-socjeta` "Joseph Cachia & Sons Ltd".

Illi ghalkemm jidher li l-prezz moghti mis-socjeta` "Joseph Cachia & Sons Ltd" huwa inqas minn dak li offriet is-socjeta` attrici, fil-fatt l-aktar offerta rhisa u ragonevoli hija dik tas-socjeta` attrici li kuntrarjament ghal dik ta' "Joseph Cachia & Sons Ltd", hija konformi fl-*intier* kollha tar-rekwiziti kif stipulat fis-sejha sudetta;

Illi s-socjeta` attrici ghamlet l-offerta taghha ghas-sejha msemmija u mxiet skruplozament ma' l-ispecifikazzjonijiet kontenuti fl-istess sejhiet u *inoltre* offriet prodott ta' kwalita` gholja hafna u bi prezz li fih innifsu anke huwa ndikattiv li dak offert jissodisfa r-rekwiziti kollha tas-sejha sudetta;

Illi ghalhekk il-fatt li l-konvenuti laqghu l-offerta tas-socjeta` "Joseph Cachia & Sons Ltd", fih innifsu, sar bi ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-istess *tender* u dan ghar-ragunijiet moghtija, u kif ukoll huwa abbuz ta' poter billi l-mod kif giet allokata din it-*tender* ma sarx ghall-ghanijiet xierqa, kien imsejjes fuq kondizzjonijiet mhux rilevanti u *di piu'* tmur kontra l-ligi;

Illi minhabba fl-agir abbuziv tal-konvenuti, is-socjeta` attrici sofriet danni konsistenti f'telf ta' profitti, li talvolta s-socjeta' attrici kienet taqla' li kieku l-istess *tenders* gew moghtija lilha, u dan kif kien jixraq minhabba fir-ragunijiet hawn moghtija u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma' ghandiex:-

1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti kif fuq fil-premessi deskritt kien wiehed illegali, bi pregudizzju ghad-drittijiet tas-socjeta` attrici;

2. Tiddikjara illi l-istess socjeta` attrici, minhabba dan l-agir sofriet danni konsistenti f'telf ta' profitti li talvolta kienu jaghmlu li kieku s-socjeta` attrici nghatat it-*tender* fuq imsemmija.

3. Tillikwida dawn l-istess danni, jekk hemm bzonn okkorrendo n-nomina ta' perit nominat ghal din l-istess fini.

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu dawn id-danni hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjaru intavolat fit-3 ta' April 2000, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti kollha minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-15 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 19 ta’ Ottubru 2000 (fol 10 ) fejn esponew :-

1. Illi fl-ewwel lok id-Direttur Generali tal-Kuntratti mhux legittimu kontradittur in kwantu skont l-Avviz Legali 70/1996 offerti ammontanti ghal Lm20,000 jew inqas jinhargu mid-Dipartiment koncernat waqt li d-Direttur tal-Kuntratti ma jkunx involut fil-hrug jew l-ghoti tal-kuntratt. Ghalhekk dan il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt waqt li c-citazzjoni hija mibnija fuq premessi fattwalment skorretti.

3. Kienet is-socjeta` Joseph Cachia & Sons Ltd li ghamlet l-orhos u l-ahjar offerta kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi l-eccipjent Kummissarju tal-Pulizija mexa skont il-ligi u fil-liberta' kontrattwali li huwa jgawdi. Ghalhekk galadarba s-socjeta' attrici ma kenitx tikkwalifika biex tirbah l-offerta hija ma setghet qatt titlef profitti u wisq anqas jigi kagunat lilha xi dannu kif pretiz.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici a fol 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta (fol 200) fejn meta ssejhet il-kawza deher Pio Pisani ghall-Kumpanija attrici mhux assistit minn Avukat. Is-Sur Pisani gharraf lill-Qorti li l-Avukat tieghu jinsab impenjat b’ xoghol iehor tal-Qorti u ghalhekk ma setax jaghmel it-trattazzjoni llum. Il-kawza giet differta ghas-sentenza fin-nuqqas ta’ xkiel ghall-31 ta’ Jannar 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta’ Dicembru 2012 fejn b’ ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn fis-seduta tas-27 ta’ Marzu 2014, peress li l-Qorti kellha bzonn iktar zmien biex tirredigi s-sentenza minhabba impenji ta’ xoghol, iddiferrixxiet din il-kawza ghas-26 ta’ Gunju 2014 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi qabel xejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti flimkien ma numru ta' kawzi ohra permezz ta' surroga datata s-16 ta' Jannar 2013.

Permezz tal-kawza odjerna, s-socjeta' attrici qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja li l-agir tal-konvenuti fl-aggudikazzjoni ta' *tender* ghax-xiri ta' *Speed Monitoring Devices* kienet illegali u abbuziva peress li din l-aggudikazzjoni kellha ssir a favur tas-socjeta' attrici. Per konsegwenza C.P.E.S. Company Limited qed titlob ir-rizarciment tad-danni f'telf ta' profitti.

Il-konvenuti laqghu ghal din it-talba billi filwaqt li sostnew li d-Direttur Generali tal-Kuntratti mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici in kwantu l-offerta in mertu tammonta ghal inqas minn Lm20,000, opponew ghat-talblet bhala infondati billi s-socjeta' *Joseph Cachia & Sons Limited,* li rebhet it-*tender*, kienet ghamlet l-ahjar u l-orhos offerta u li l-Kummissarju tal-Pulizija kien mexa skont il-ligi.

### Fatti fil-Qosor

Jirrizulta mill-atti li saru zewg sejhiet ghall-offerta, l-ewwel sejha abbinata ma’ l-offerta numru 21/99 saret f’Awwissu 1999 u kienet tiskadi fit-22 ta’

Settembru 1999. Is-socjeta' *Joseph Cachia & Sons Ltd.,* rebhet it-*tender* bil-prodott li kien jikkonsisti f'apparat Ingliz tat-tip *TSS.*

B'ittra datata 15 ta' Ottubru 1999, il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija avza lill-partecipanti kollha li l-ipprocessar ta' l-offerti kellu jerga' jsir mill-gdid u dana peress li bi *zvista* zewg offerti baqghu mwahhla mal-kaxxa ta' l-offerti.

B'hekk regghet saret tefa' ta' l-offerti li kienet tiskadi sas-17 ta' Novembru 1999, fejn is-socjeta' attrici ppartecipat bi prodott tat-tip *"Tele-Traffic"* u dan wara pariri ta' esperti barranin li dan il-prodott kien ferm aktar kompetenti mit-tip *"TSS".*

Is-socjeta' attrici offriet prodott bil-prezz ta' Option A Lm17,395 u Option B Lm622 (*leasing)* ghal magna tat-tip *Tele-Traffic,* waqt li s-socjeta' li rebhet it-*tender* offriet zewg *options* ukoll, l-ewwel ta' Lm8,851.85 u t-tieni wahda ghal Lm17,577.85, ghal zewg magni ta' ghamla differenti.

**Kopji tat-*tenders*** u l-i*specifications* li dahlu s-socjeta` Joseph Cachia & Son Limited ghas-sejha 21/99 huma esebiti (**Dok CSD)** a fol.78 tal-process filwaqt li t-*tender* hu esebit a fol. 169.

Illi fost il-kondizzjonijiet specifikati ghall-ghotja tat-*tender* hemm stipulat is-segwenti:-

"10. *The Commissioner of Police reserves the right to accept or reject, wholly or in part, without giving reasons, any of the proposals submitted.* "

**<u>Xhieda Rilevanti</u>**

**Charles Borg** xehed (fol. 27) li kien hemm sejha ghal *speed cameras,* proprjament *speed monitoring device* mill-Kummissarju/ Dipartiment tal-Pulizija. Saret laqgha f'dan ir-rigward mar-rapprezentanti tal-Pulizija ta' Malta Max-xhud kien hemm wkoll rapprezentant Ingliz. Gie ssottomess it-*tender,* l-ewwel darba f'isem il-kumpanija *Intereli Group of Companies.*

Huwa kien prezenti meta nfethu t-*tenders* peress li dawn infethu quddiem il-kompetituri kollha u l-membri min-naha tad-Dipartiment tal-Pulizija.

Kien hemm xi hdax-il *tender.* Wara li qraw it-*tenders* il-kaxxa tat-*tenders* kienet vojta, u dana jafu ghax kien quddiem il-kaxxa. F'din l-ewwel sejha l-prezz tieghu kien kompettittiv hafna.

Pero', wara ghoxrin gurnata rcieva *fax* min-naha tal-Pulizija peress li sabu zewg *tenders* li kienu wehlu mal-kaxxa. Huwa kien wera d-disapprovazzjoni tieghu u hass li kellhom jigu mwarrba. Ipprezenta protest gudizzjarju u t-*tender* giet annullata.

Regghet harget sejha ohra u rega' ssottometta *tender,* din id-darba taht isem ta’ kumpanija ohra C.P.E.S. (bl-istess *shareholders* u nbidel biss l-isem) u din id-darba kellu prodott iehor, izda min ghand l-istess *supplier*.

Il-kumpanija li rebhet it-*tender* rebhitu bl-istess prodott li offriet l-ewwel darba meta kienu huma t-tnejn qed jikkontestaw. Kellhom l-istess prodott, pero’ tieghu kienet irhas.

Is-*supply* kienet ghal *machine* wahda biss u hija *tender* dipartimentali, peress li ma taqbizx l-Lm20,000.

Meta l-ewwel *tender* gie xjolt il-prezzijiet kienu gew skoperti ghal kulhadd.

**L-Assistent Kummissarju Josie Brincat** xehed (fol. 44) li kien membru fuq bord sabiex jikkonsidraw l-offerta ghal-*speed cameras.* Xehed li ma kien involut bl-ebda mod fir-rigward ta’ l-ewwel offerta u dak iz-zmien din kienet direttament taht il-Kummissarju tal-Pulizija.

Qal li s’issa gew ordnati zewg *speed cameras* u l-prezz tat-tnejn kien ta’ Lm15,800, u ga qeghdin jintuzaw *“proactively”*. It-tieni sejha harget fis-17 ta’ Novembru 1999. Xehed li *“...fl-ebda hin ma kelli influwenza jew struzzjonijiet mis-superjuri tieghi biex niddeciedi haga u mhux ohra, kemm jien, safejn naf jiena kemm membri tal-Bord.”*

**Mario Farrugia** xehed (fol. 55) li hu kien nominat mill-Kummissarju tal-Pulizija bhala espert fuq l-elettronika u jifforma parti mill-bord. Kien

involut biss fir-rigward it-tieni *tender.* Qal li sabiex wasal ghal konkluzjonijet tieghu kien ra l-*literature* kif ukoll it-*tenders* offruti.

Bhala apparat, l-uniku wiehed li kien ra qabel li nghata t-*tender* kien dak li nxtara, izda l-*literature* ta' kollha kien ra. Kien gie espert Ingliz u ghamel dimostrazzjoni.

Qal li minn fuq il-gurnali lokali skopra li l-apparat li nxtara kellu xi *failure* fil-*laser system.*

**<u>Is-Supretendent Raymond Vella Gregory</u>** xehed (fol. 64) li dak iz-zmien meta hargu s-sejhiet ghall-offerti ghal-*speed cameras* hu kien *Senior Inspector* tat-Traffic Branch tal-Pulizija, u bejn is-snin 1997 sas-sena 2000 kien jiehu hsieb is-sezzjoni tat-traffiku. Is-socjeta' li xtraw minghandhom kienet it-*Traffic Safety Systems Limited.* Kien gie rapprezentant Ingliz biex jurihom kif jithadmu.

Fil-bidu kienu juzaw *camera* wahda biss, peress li l-ohra kellha xi hsara li ma setghetx tissewwa u fil-fatt giet *replaced.*

Jaf li kienu nxtraw zewg *speed cameras* u wara ftit kellhom jibdlu wahda minnhom peress li kienet difettuza, minhabba problemi ta' *focusing*.

Bil-lejl il-*cameras* ma setghux juzawhom, u filghodu trid toqghod attent minhabba d-direzzjoni tax-xemx, bhal kwalunkwe *camera* ohra.

Izda, certi problemi li kellhom kienu sakemm huma drawhom.

**Paul Grech** xehed (fol. 103) ghan-nom ta' M. Demajo Group / M. Demajo Services Ltd., li tal-imsemmi grupp,  s-socjeta' Cachia & Sons Ltd., hija sussidjarja. Is-socjeta` li jirrapprezenta taghmel servizz ta' purchasing ghal *Cachia & Sons Ltd.* fis-sens li jaghmlu l-ordnijiet u jixtru minghand is-*supplier.* Xoghlu hu fuq *shipping u* m'ghandu x'jaqsam xejn mat-*tenders.* Xehed li fis-sena 1999, missieru, George Grech, kien il-Kummissarju tal-Pulizija.

**Charles Ciantar** xehed, in rapprezentanza tad-Direttur tal-Kuntratti (fol. 106) u afferma li d-Dipartiment ma jidholx fil-figura tal-*purchase*  jekk din tkun inqas minn Lm20,000.

Xehed li d-Dipartiment jikkunsidra t-*total purchase* u mhux il-prezz per *unit*. Dan fir-rigward il-kaz in ezami, l-Kummissarju tal-Pulizija fis-sejha 21/99 hareg talba u xtara tliet *speed cameras* ta’ cirka Lm17,000 -il wiehed. Certament il-figura ta’ Lm17,000 X 3 u cioe’ Lm51,000 taqbez it-*threshold* li ghandu jinvolvi ruhu d-Dipartiment.

Fir-rigward din it-*tender* 21/99 in partikolari, il-Kummissarju tal-Pulizija ma dahhalx lid-Direttur tal-Kuntatti fiha.

**<u>Mario Buttigieg</u>** xehed (fol. 70) li hu kien membru fil-korp tal-Pulizija u fis-sena 1999 kellu l-grad ta’ Spettur. Ghamel sitt snin jahdem fis-sezzjonijiet ta’ traffiku, u meta kien Spettur fis-sezzjonijiet ta’ traffiku, l-*ispeed cameras* kienu jintuzaw b’mod regolari. Kellhom ftit zvantaggi

teknici kif topera l-magna, per ezempju fl-aqwa tax-xemx ma setghux jithadmu, pero' d-ditta tal-magni ma jistax jiftakar x'kienet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-kwistjoni centrali fil-kaz odjern mhix wahda ta' semplici talba ghall-dikjarazzjoni ta' responsabbilta' u hlas ta' danni subiti, imma hija diretta lejn dikjarazzjoni li l-processar amministrattiv u ghotja ta' *tender* mill-Kummissarju tal-Pulizija sar b'mod abbuziv u illegali. Fis-sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` attrici ssostni li l-ghoti tat-*tenders* wara s-sejha ghall-offerta numru 21/99 kienet saret b'abbuz ta' poter da parti tal-konvenuti u *inoltre*, li t-*tender* gie allokat ghal skopijiet mhux xierqa.

Illi l-ewwel talba attrici ghalhekk tissolleva kwistjoni ta' dritt amministrattiv.

Kif jghid l-awtur **HWR Wade**, fil-ktieb tieghu **Administrative Law,** *"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds.....he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

Illi f'dan l-istadju tqum il-kwistjoni dwar il-grad ossia l-*"legal standard of reasonableness"* mehtieg biex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit, ghax kif jikkummenta l-istess awtur *"Virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness"* Id-definizzjoni ta' dan il-parametru huwa essenzjali ghax "*within the bounds of legal reasonableness is the area in which the*

*deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires."*

Illi l-ligi taghna, in forza ta' l-artikolu **469A tal-Kap. 12**, jelenka tassattivament meta dan l-istharrig jista' jigi kondott dwar il-validita' ta' xi ghemil amministrattiv jew biex jigi ddikjarat li dak l-ghemil hu null u cioe`:

**Art 469A Kap.12. – subinciz 1(b),**

*"(i) meta dak l-ghemil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu;*

*(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva ….. htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil, jew*

*(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-ghemil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."*

Issa skont i**s-subinciz 2** tal-precitat artikolu "ghemil amministrattiv" jikkomprendi "l-hrug ta' kull ordni, licenzja, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika.

Illi din il-Qorti ma ssibx li, mir-risultanzi processwali, gie ppruvat xi ghemil abbuziv skont is-subincizi fuq citati, jew li l-Kummissarju agixxa irragonevolment jew arbitrarjament.

Illi Qorti tibda biex tissottolineja li mhuwiex il-kompitu taghha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Kummissarju tal-Pulizija fid-determinazzjoni tal-aspetti teknici tal-apparat offrut mis-socjeta` rikorrenti u mis-socjeta` li rebhet it-*tender.* F'dan ir-rigward, u dejjem fil-konfront tat-tieni sejha ghall-offerti, il-Kummissarju tal-Pulizija waqqaf bord li kien jinkludi membri tal-Pulizija b'esperjenza fil-qasam tat-traffiku, u almenu persuna wahda teknika li xehed quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Illi *inoltre*, fir-rigward ta' l-allegat irregolaritajiet fl-ewwel sejha, ghalkemm jista' jkun li dak allegat minn Charles Borg iqajjem suspett, fl-ahhar mill-ahhar is-socjeta' attrici ma ressqet l-ebda prova biex tissostanzja l-akkuza taghha fejn xehtet id-dubju dwar iz-zewg offerti li *"wehlu"* mal-kaxxa. Verament din il-Qorti ssibha difficli li seta' kien hemm traskuragni simili waqt process pubbliku ta' ftuh ta' offerti, izda akkuza tali trid tigi ppruvata, liema prova f'dan il-kaz, ma saritx. Apparti din il-konsiderazzjoni ta' fatt, l-ewwel aggudikazzjoni giet imhassra ghal kullhadd, cioe`, ghal kull oblatur.

Illi l-attur jilmenta li peress li l-prezzijiet gew pubblicizzati waqt il-ftuh tal-kaxxa fl-ewwel sejha, is-socjeta' li sussegwentement rebhet it-tieni sejha giet vantaggjata billi setghet tirrevedi l-prezzijiet taghha. Izda dan il-vantagg kien japplika ghal kull offerent.

*Inoltre* s-socjeta' attrici lanqas kienet fost l-offerenti f'dik l-ewwel sejha, u l-interess taghha fl-istess hija karenti.

Illi s-socjeta' attrici, in sintezi, tistrieh fuq is-segwenti b'turija tal-irregolaritajiet li tallega li graw waqt il-process tal-ghotja:-

-L-ewwel sejha kellu jigi abbandunat, u l-offerti ma gewx aggudikati peress li l-Kummissarju, b'ittra tas-16 ta' Ottubru 1999, avza lill-partecipanti kollha li l-ipprocessar tal-offerti kellu jerga' isir mill-gdid peress li bi "*zvista"* zewg offerti baqghu "*imwahhla"* mal-kaxxa tal-offerti u min kien qed jiehu hsieb it-*tender* ma rahomx (*enfasi tar-rikorrent);*

-Il-prezzijiet offruti kienu lehqu inkixfu u s-socjeta' li rebhet it-*tender* fuq it-tieni sejha kellha l-opportunita` li trahhas il- prezz;

-Fit-tieni sejha s-socjeta` attrici offriet prodott ferm ahjar f'zewg opzjonijiet, *Option A* bil-prezz ta' Lm17,395 xiri u *Option B* Lm622 - (*leasing*) ghall-magna tat-tip *Tele-Traffic*. Il-Kumpanija li giet aggudikata t-*tender* ukoll offriet zewg opzjonijiet cioe` *Option A* - Lm8,851.85 u *Option B* - Lm17,557 li hu prezz oghla minn dak offrut mis-socjeta` attrici. Tghid ukoll li l-Kummissarju tal-Pulizija xtara allura bi prezz oghla u dan jirrendi l-ipprocessar tat-*tender* illegali.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel sejha, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li gja kkonstatat.

Illi fir-rigward tat-tieni sejha, il-prezz ta' xiri, jirrizulta minn ezami tad-dokumenti tat-*tenders* ipprezentati minn Joseph Cachia & Son Limited, jirrizulta li fil-fatt l-*Option B* ippreveda zewg prezzijiet rispettivament Lm17577.85 (li hu prezz oghla minn dak offrut mis-socjeta' attrici) u Lm16,283 (li hu inqas) apparti *Option A.* Dawn iz-zewg figuri ikkwotati bhala *Option B* huma marbutin mal-kwantita' tal-magni li jigu mixtrija.

Dwar prezz l-Assistent Kummissarju Josie Brincat xehed li s'issa gew ordnati zewg *speed cameras* u l-prezz tat-tnejn kien ta' Lm15,800. Dan hu kontradett minn **Charles Ciantar** ghad-Direttur tal-Kuntratti fejn xehed li l-Kummissarju tal-Pulizija fis-sejha 21/99 xtara tliet *speed cameras* ta' cirka Lm17,000 -il wahda. Ghalkemm hemm kuntrast fix-xhieda moghtija, il-prezz tal-magni xorta ma jeccedix dak offrut mis-socjeta` attrici u ghalhekk ma irnexxilhiex taghmel il-prova misthoqqa li l-prezz taghha kien irhas.

Illi s-socjeta' attrici tilmenta li l-apparat li hi kienet ser tforni kien ahjar teknikament minn dak li eventwalment inxtara. Izda din hija materja teknika li din il-Qorti, ghar-ragunijiet gja spjegati, ma tistax tidhol fihom diment li ma jkunx hemm karenza tant manifesta li tindika fiha innifisha abbuz u *malafede*. Jista' jkun li kien hemm xi specifikazzjonijiet fl-apparat offrut mis-socjeta' attrici li kien ahjar minn dak offrut mis-socjeta` li akkwistat it-*tender*, izda l-Qorti tinnota li l-Kummissarju tal-Pulizija ma hax id-decizjoni wahdu imma hatar Bord li kien jinkludi esperti biex jezaminaw id-dokumenti kollha relattivi. Ghalhekk tqis li kien mexa b'mod regolari fl-ipprocessar ta' dan it-*tender*.

Illi s-socjeta' attrici ressqet bhala xhud lil Paul Grech, li hu iben l-allura Kummissarju tal-Pulizija George Grech. Dan xehed li kien jahdem ma' Demajo Group of Companies li ghandha bhala sussidjarja, l-istess

kumpanija li rebhet it-*tender*. Izda hu xehed li ma kellu x'jaqsam xejn ma *procurement* u xoghlu fid-*Demajo Group* kien fis-sezzjoni tas-*shipping.* Din ix-xhieda ma gietx kotntradetta.

Illi l-Assistent Kummissarju Josie Brincat, ghall-kuntrarju, afferma kategorikament li *"...fl-ebda hin ma kelli influwenza jew struzzjonijiet mis-superjuri tieghi biex niddeciedi haga u mhux ohra, kemm jien, safejn naf jiena kemm membri tal-Bord."* Is-socjeta' attrici ma ressqet l-ebda prova biex tirribatti din l-affermazzjoni.

Ikkonsidrat li sejha ghall-offerti (*tender)* ma torbotx lid-Dipartiment kif jirrizulta anke *espressis verbis* mill-kondizzjoni imfissra fl-istess *tender document.* Kif jinghad fil-ktieb *"**Slater`s Mercantile Law"***, ta` Chorley & Giles (16th Edit., 1972 pag. 7), *"An offer must be carefully distinguished from an invitation to treat. The best illustration of this distinction is the case of a person asking for tenders to do certain work or to purchase certain goods. The invitation to tender has of itself no operation at all. The tender is an offer, and this must be accepted before there is a binding contract. There is no 'prima facie' undertaking that the most advantageous or any offer will be accepted by the person who has invited the tenders".* Fid-dokument tat-*tender* in mertu, kien jinghad car li l-Kummissarju setgha ma jaccettax l-offerta.

Illi kkonsidrat li l-ghotja ta' *tender* tista' tiddependi fuq diversi fatturi, mhux biss fuq il-prezz - ad ezempju, l-organizzazzjoni tal-kumpanija offerenti, numru ta' impjegati, data tal-konsenja, *cost-effectiveness,* u sapport tekniku. Ghalhekk l-evalwazzjoni tiddependi minn apprezzament ta' dawn id-diversi fatturi, u fil-kaz odjern, jirrizulta li dan sar minn Bord maghmul minn persuni b'esperjenza fil-materja.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova li l-ghotja tat-*tender* 21/99 sar b'mod illegali u abbuziv kif minnha allegat u ser tghaddi biex tichad din it-talba. Konsegwentement it-talbiet rimanenti wkoll ser jigu michuda bhala infondati.

**<u>Eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali tal-Kuntratti -Mhuwiex il-legittimu kontradittur.</u>**

Ghalkemm l-eccezzjonijiet tad-Direttur gew sfilzati b'Digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru 2000, in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 10 u 11 tal-process saret ghan-nom taz-zewg konvenuti. Bl-ewwel eccezzjoni d-Direttur Generali eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kontraddittur ghat-talbiet attrici ghaliex skont l-avviz legali 70/1996 offerti ammontanti ghal Lm20,000 jew inqas johorgu mid-Dipartiment koncernat u hu ma jkunx involut.

Illi d-Direttur tal-Kuntratti huwa l-persuna vestit bil-funzjoni li johrog sejha ghall-offerta.

Illi skont ir**-Regolamenti ta’ l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku** mahrug taht l-**Att Dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika (Kap 174)** il-procedura li ghandha tigi segwita mill-Gvern, minn korporazzjonijiet pubblici u organizzazzjonijiet pubblici ohra li ghalihom japplikaw l-istess regolamenti skont **artikolu 3** tal-istess, sabiex issir sejha ghall-offerti ghall-*“akkwist ta’ kull taghmir, hazna, xoghlijiet u servizzi”* mill-istess entitajiet, qabel ma jsir il-kuntratt definittiv skont l-**artikolu 10 tal-Avviz Legali 70 tal-1996.**

Illi infatti l-**artikolu 5 tal-Avviz Legali 70 tal-1996** jistabbilixxi l-funzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, hemm krejat, fejn *inter alia* ghandu bazikament jissorvelja u jmexxi l-istess process u kundizzjoni ghas-sejha tal-offerti fosthom li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet generali tal-kuntratt, specifikazzjonijiet u kondizzjonijiet *standard,* jifli u japprova d-dokumenti tal-offerti, reklamar tal-istess, jifformula l-ftehim, jikkonsidra u japprova l-hatra ta' kuntratturi *etc* u dan dejjem bl-iskop li jsir l-*"akkwist ta' kull taghmir, hazna, xoghlijiet u servizzi mill-Gvern jew minn kull korp iehor li dawn ir-regolamenti japplikaw ghalih".*

Illi minn dan jirrizulta li x-xoghol jew servizz accettat mid-Direttur tal-Kuntratti wara l-istess sejha ghall-offerti skont l-istess regolamenti fin-normalita' tal-kazi dejjem jirreferi u ghandu relazzjoni mal-entitajiet indikati fl-**artikolu 3** tal-istess, u d-debitur ikun ovvjament il-persuna jew entita' legali u pubblika li tkun irceviet l-istess servizzi jew oggetti, preferibbilment *ai termini* ta' kuntratt li jigi konkluz wara l-istess procedura tas-sejha tal-offerti.

Skont ir-Regolament 11(b), id-Direttur tad-Dipartiment jista' jaghmel sejha ghall-offerti ghall-servizzi u apparat meta l-prezz jeccedi Lm2,500 izda mhux Lm20,000. Dan ir-regolament gie ammendat permezz ta' L.N. 410 tas-sena 2007 u ghalhekk ma japplikax ghall-kaz in ezami fejn it-*tender* inhareg fis-sena 1999.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-istess entita' konvenuta ossia l-Kummissarju tal-Pulizija hija organizzazzjoni pubblika *ai termini* tal-artikolu 3 tal-istess regolamenti, u kemm skont ir-regolamenti precedenti ghal dawk tan-1996, u fi kwalunkwe kaz jirrizulta

bla ebda dubju kwalunkwe li l-inkarigu ghall-istess xoghlijiet inghata mill-entita' konvenuta li bbenefikat direttament mill-istess xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna u dan kollox wara li saret is-sejha ghall-offerti mill-organi tal-Gvern kompetenti kif stabbiliti mill-fuq indikati regolamenti tal-1966 u 1996.

Illi ghalhekk ser tghaddi biex tilqa' l-eccezzjoni fis-sens li d-Direttur tal-Kuntratti mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenut Direttur Generali tal-Kuntratti mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici, u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti u **tichad** it-talbiet attrici peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------